**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Gimgha, 13 ta' Novembru, 2015**

Numru 1

**Rikors Nru. 994/2015**

**Rikors Guramentat 654/2015MCH**
**Av. John Refalo bhala mandatarju specjali**
**tas-socjeta estera Jiaxing Stone Industries Ltd**
**vs**
**Av. Martin Fenech u l-PL Liliana Buhagiar**
**li gew nominati bhala kuraturi deputati**
**biex jirraprezentaw is-socjeta estera**
**Calibre Consultants Limited;**
**u**
**Steel Eagle Commerce Limited**

**wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 969/2015**
**fl-ismijiet:**
**Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali**
**tas-socjeta estera Jiaxing Stone Industries Limited**
**vs**
**Calibre Consultants Limited u**
**Steel Eagle Commerce Ltd**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta Steel Eagle Commerce Limited ghall-impozizzjoni ta' garanzija ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 kontra s-socjeta attrici wara l-hrug ta' sekwestru fil-konfront tas-socjeta Steel Eagle Commerce Limited fejn gew sekwestrati lilha s-somma ta' €40,017.03. Is-socjeta Steel Eagle tikkontendi fil-

kontrotalba li qed taghmel ghal kawza attrici li hi biss prokuratrici tas-socjeta konvenuta l-ohra u illi l-mandat sar fil-konfront tas-socjeta Steel Eagle ghax tinsab f'Malta u b'hekk iggieghel lis-socjeta konvenuta estera tasal ghal ftehim. A kawza tal-mandat, is-socjeta Steel Eagle qeghda f'diffikultajiet finanzjarji li ma tistax tonora obbligi ma' kredituri taghha;

Rat ir-risposti.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-kawza quddiemha pero jirrizulta lill-istess Qorti mid-dokumenti esebiti sa issa illi prima facie s-socjeta Steel Eagle hi rapprezentant lokali tas-socjeta konvenuta l-ohra.

Jirrizulta lil Qorti illi fil-kontrotalba li ghamlet is-socjeta Steel Eagle ghad-danni sofferti u li qed issofri minhabba dan l-agir tas-socjeta attrici illi ma jidhirx illi s-socjeta attrici ghandha xi assi f'Malta biex jaghmlu tajjeb jekk l-istess socjeta Steel Eagle ghandha ragun fl-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur fil-konfront tal-pretensjoni attrici u fil-mertu tal-kontrotalba jirrizulta li ghandha ragun titlob u tigi moghtija danni.

Il-kawza gusta ghall-impozizzjoni ta' garanzija ai termini tal-artikolu 838A trid tikkonsisti f'raguni jew ragunijiet serji u impellenti li jwasslu lil Qorti timponiha. Id-danni li tirreferi ghalihom il-ligi fl-artikolu cioe 838A huma dawk id-danni likwidabbli li l-intimat jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-mandat kawtelatorju kontrih.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li hemm ness dirett bejn dak allegat u mitlub mis-socjeta Steel Eagle fil-konfront tas-socjeta attrici ghall-allegat agir dannuz li qed tikkommetti s-socjeta attrici u ghalhekk kawza gusta li tigi imposta garanzija da parti tas-socjeta attrici biex taghmel tajjeb ghal danni pretizi mis-socjeta Steel Eagle u dan principalment minhabba n-nuqqas ta' assi tas-socjeta attrici li fuqhom semmai s-socjeta Steel Eagle tista' tenforza d-drittijiet pretizi taghha jekk fondati.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors billi ai termini tal-precitat artikolu 838A tal-Kap. 12, tordna lis-socjeta attrici tiddepozita fir-registru tal-Qorti entro l-20 ta' Novembru 2015 is-somma ta' €75,000 bhala garanzija biex taghmel tajjeb ghal pretensjoni tas-socjeta Steel Eagle fil-kontrotalba fil-kawza fl-ismijiet premessi, u fin-nuqqas tordna li jigi dikjarat bla effett u revokat il-mandat ta' sekwestru 969/2015 fil-konfront tas-socjeta Steel Eagle Commerce Limited C46938. Spejjez ghas-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur